**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 40/2014JB

Numru: 6

**Gatt Construction Limited (C18818)**

***vs***

**Anthony Muscat (K.I.: 64259M) u Georgette Muscat (K.I.: 66260G)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar id-9 ta' Dicembru 2014 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu is-somma ta' elf, mitejn u tlettax-il euro u dsatax-il centezmu (€1,213.19) u dan wara li ppremettiet illi f'diversi okkazjonijiet bejn il-25 ta' Gunju 2005 u s-17 ta' Lulju 2007, hija bieghet, ipprovdiet u kkonsenjat materjal bhal ramel u konkos (*ready mix concrete*) lill-Konvenuti fuq ordni taghhom stess. Talbet ukoll l-imghaxijiet, mill-25 ta' Gunju 2005 kif ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 673/2011.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-18 ta' Frar 2015 (a fol 5);

Ra li l-Konvenuti, debitament notifikati bl-atti (a fol 2ter), laqghu ghal din l-azzjoni billi nhar it-3 ta' Frar 2015 ipprezentaw risposta (a fol 10) fejn fiha eccepew dan li gej:

> Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.
>
> Fl-ewwel lok, kwalsiasi pretensjoni tal-attrici li tirrisali ghal Lulju 2007 u qabel hija llum kolpita bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar fit-termini tal-Art. 2148(b) tal-Kodici Civili, u anki bil-preskrizzjoni ta' hames snin fit-termini tal-Art. 2156(f) tal-istess Kodici.
>
> Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma ghandhom jaghtu xejn lill-attrici ghaliex huma qatt ma xtraw materjal minghandha, kuntrarjament ghal dak allegat mill-istess socjeta' attrici;

> Illi għaldaqstant din il-kawża saret inutilment u frivolożament u l-ispejjeż kollha għandhom jiġu akkollati lill-attriċi;
>
> Illi fost l-ispejjeż ġudizzjarji li għandhom jitħallsu mill-attriċi hemm l-ispejjeż ta' tliet ċedoli ta' depożitu… wara l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontra l-esponenti mis-soċjeta' attriċi.
>
> Salvi risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-rikors tas-Soċjeta Attriċi tad-9 ta' Frar 2015 (a fol 12) fejn din talbet korrezzjoni fis-sens li l-ammont reklamat fit-talba għandha jkun ta' tlitt elef, tliet mija u disgħa u sittin euro u tmienja u disgħin ċentezmu (€3,369.98);

Ra n-nota prezentata kontestwalment mis-Soċjeta Attriċi kontenenti dokumenti in sostenn ta' dan;

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2015 (a fol 19) fejn it-Tribunal laqa' t-talba għall-korrezzjoni fil-waqt li ġie verbalizzat li l-eċċezzjonijiet għandhom jitqiesu fid-dawl ta' din il-korrezzjoni;

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2015 (a fol 25) fejn il-Ġudikatur sedenti ddikjara li jista' jkun hemm lok għal astensjoni iżda l-partijiet iddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni li din il-kawża tkompli tinstema' mill-Ġudikatur sedenti;

Ra r-rikors tal-Konvenuti prezentat nhar is-27 ta' Mejju 2015 (a fol 35) fejn talbu r-rikuża tal-Ġudikatur sedenti;

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju 2015 (a fol 38) fejn it-Tribunal ċaħad it-talba għar-rikuża;

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (a fol 49) fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi minnhom imressqa jirrigwardaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u rriservaw li jressqu provi fil-mertu jekk ikun il-każ fil-waqt li l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ra s-sentenza tat-Tribunal (diversament presedut) tat-12 ta' Novembru 2015 (a fol 59) fejn iddisppona mill-kawża billi ċaħad it-talbiet attriċi kif postulati, bl-ispejjeż kontra s-Soċjeta Attriċi, liema spejjeż għandhom jinkludu dawk tal-proċeduri indikati fir-risposta tal-Konvenuti;

Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-8 ta' Lulju 2016 (a fol 83) fejn il-Qorti ddisponiet minn appell tas-Soċjeta Attriċi billi ħassret is-sentenza ta' dan it-Tribunal (diversament presedut) tat-12 ta' Novembru 2015; ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mill-Konventi fil-mori tal-appell u cjoe l-preskrizzjoni ai termini tal-Art. 2148(a) tal-Kap. 16; ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili u ordnat li l-ispejjeż ta' dawn l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu a kariġu tal-Konvenuti. Inoltre, il-Qorti bagħtet l-atti lura quddiem dan it-Tribunal u ddiriġietu: (i) jagħti l-opportunita' lill-Konvenuti sabiex jipprezentaw tweġiba bid-difiża tagħhom fil-meritu dwar il-kawżali ġdida li rriżultat waqt il-għbir tal-provi; (ii) qabel jagħti s-sentenza finali, jagħti lill-partijiet l-opportunita' li jressqu kull prova oħra li għandhom dwar il-meritu. Fir-rigward ta' spejjeż, salv għal dak li diġa' ngħad dwar spejjeż fuq xi eċċezzjonijiet, ordnat li l-kumplament tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Ra li "*l-kawzali gdida li rrizultat waqt il-gbir tal-provi*" li ghaliha accennat il-Qorti tal-Appell tirrigwarda l-fatt li mill-provi rrizulta li l-hlas pretiz mis-Socjeta Attrici jitratta dwar tahmil, garr u tqattiegh ta' blat u mhux dwar bejgh, provvista u konsenja ta' materjal bhal ramel u konkos (*ready mix concrete*) lill-Konvenuti;

Ra li fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell innutat li t-Tribunal ma ddecidiex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ra d-digriet tat-12 ta' Lulju 2016 (a fol 88) fejn it-Tribunal, wara li ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, ordna r-riappuntament tal-kawza;

Ra li l-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta' Settembru 2016 (a fol 89);

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Settembru 2016 (a fol 94) fejn il-Gudikatur sedenti iddikjara li in vista tal-fatt illi diga ta decizjoni li, ghalkemm mhux fil-mertu, "*jista' jkun illi indirizzat anke indirettament xi aspetti mill-mertu ikun opportun illi din il-kawza tkompli tinstema minn*" Gudikatur iehor;

Ra li l-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 (a fol 95) quddiem it-Tribunal, diversament presedut;

Ra li stante li ghalaq it-terminu tal-hatra tal-Gudikatur sedenti, il-kawza giet riassenjata mill-gdid;

Ra d-digriet tat-Tribunal kif issa presedut, fejn il-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 (a fol 102);

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 (a fol 105) fejn it-Tribunal, in ottemporanza mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Lulju 2016 u b'referenza ghall-parti dispozittiva tas-sentenza, ta l-opportunita lill-Konvenuti sabiex jipprezentaw it-twegiba bid-difiza taghhom fil-mertu dwar il-kawzali gdida li rrizultat waqt il-gbir tal-provi;

Ra li nhar il-21 ta' Dicembru 2016, il-Konvenuti ipprezentaw risposta ulterjuri (a fol 106) fejn fiha eccepew dan li gej:

> Illi l-eccipjenti ma ghandu jaghti assolutament xejn lill-attrici ghaliex dak kollu li kien dovut minnu kien thallas fl-okkazjoni li fiha giet redatta l-iskrittura ta' ricevuta diga ezibita bhala Dokument AM270515.2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu li s-socjeta attrici wettqet xogholijiet fl-interess u fuq struzzjonijiet tal-konvenut li jtellghu l-ammont ezorbitanti mitlub minnha fl-invoice GCL2, liema invoice, incidentalment giet notifikata biss fil-mori tal-kawza. Illi ghaldaqstant din il-kawza saret inutilment u frivolozament u l-ispejjez kollha ghandhom jigu akollati lill-attrici. Salvi risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda ammont pretiz mis-Socjeta Attrici ta' €3,369.98 liema somma tirraprezenta thammil, garr u tqattiegh ta' blat li sar fuq struzzjonijiet tal-Konvenuti. Id-difizi tal-Konvenuti li ghadhom mhux decizi jew sorvolati skond is-sentenza sopracitata tal-Qorti tal-Appell, huma (i) l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin fit-termini tal-Art. 2156(f) tal-Kap. 16; u l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati fir-risposta ulterjuri u cjoe: (ii) li l-Konvenuti mhumiex debituri tas-Socjeta Attrici ghaliex dak kollu li kien dovut minnu kien thallas fl-okkazjoni li fiha giet redatta l-iskrittura ta' ricevuta diga ezibita bhala Dokument AM270515.2; (iii) li s-Socjeta Attrici ma wettqitx xogholijiet fuq struzzjonijiet tal-Konvenuti ghall-ammont minnha pretiz fl-invoice GCL2 (a fol 17); (iv) li din il-kawza saret inutilment u frivolozament u l-ispejjez kollha ghandhom jigu akkollati lill-attrici.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi, irrizulta dan li gej:

Meta xehed il-Konvenut (a fol 26) dan stqarr li hu jabita fl-indirizz 45, Triq Bingemma, Nadur u mhux fil-lok indikat mis-Socjeta Attrici. Jghid li fl-indirizz indikat mis-Socjeta Attrici jabita xi hadd li jismu bhalu li hu maghruf bhala "Tac-Canak". Jghid li kull dokument li gie notifikat fl-indirirzz indikat mis-Socjeta Attrici qatt ma wasal ghandu. Jghid li fis-sena 2005 kellu xi xoghol ta' tqattiegh ta' blat fin-Nadur u kien ha lil Mario Gatt fuq il-post biex jara dan ix-xoghol kif ukoll xoghol ta' thammil. Jghid li kellu jaghtih stima imma l-istima baqghet ma giet qatt sakemm imbaghad kien ghaddej minn fejn il-post u ra gaffa tas-Socjeta Attrici. Jghid li cempel lil Gatt u fakkru fl-istima. Dan qallu li se jghaddihielu. Jghid li verbalment kienu ftehmu fuq prezz ta' elf lira (Lm1,000). Jghid li kif lesta x-xoghol, dan baghtlu kont ta' elfejn u erba' mitt lira (Lm2,400) u ggustifikah billi qal li kien hemm xoghol iehor bhal riservi li dwarhom ma kienx hemm qbil. Jghid li l-ftehim kien sar skond pjanta li kien ghadda lis-Socjeta Attrici. Jghid li fl-2007 kien hallas Lm1,000 izda Gatt baqa' jghid li fadal bilanc ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400). Jghid li hu ma rcieva xejn ghajr l-ittra ufficcjali li tinsab esibita in atti li ghaliha wiegeb fis-sens li mghandux jaghti. Jghid li l-hlas li kien ghamel kien ghas-saldu. In kontro-ezami l-Konvenut ikkonferma li x-xoghol li sar huwa dak elenkat fid-dokumenti a fol 15 et seq. Imbaghad jghid li xoghol oltre dak li kien hemm fuq il-pjanta ma sarx. Jghid li kien ircieva l-fattura a fol 16 izda ma qabilx maghha. Jghid li qatt ma rcieva l-prospett a fol 17 u 18. Jikkonferma li sar kemm xoghol bil-JCB kif ukoll bil-mini excavator.

Meta rega' xehed in kontro-ezami (a fol 54) Muscat jghid li x-xoghol sar fi proprjeta tieghu li mhijiex ir-residenza tieghu. Jghid li l-ewwel talbu jaghmillu xoghol ta' *swimming pool* imbaghad ziedlu aktar xoghol, u cjoe *pump room*. Jghid li x-xoghol sar kollu skond pjanta li kien ghamel il-perit u kienet saret stima skond il-pjanta. Jghid li l-istima kienet ta' Lm1,000 u ma sarx xoghol oltre dak indikat fil-pjanta.

Sussegwentement, il-Konvenuti pprezentaw kopja ta' skrittura ta' ricevuta (a fol 33);

George Bugeja, rapprezentant tal-Maltapost xehed (a fol 39) u spjega x'informazzjoni tinzamm dwar posta registrata. Ma ta ebda taghrif dwar dokumenti li jirrigwardaw lill-partijiet.

Mario Gatt xehed (a fol 55) u stqarr li hu direttur tas-Socjeta Attrici. Jghid li fl-2005 kien avvicinah il-Konvenut u talbu jaghmillu xoghol ta' thaffir ta' *swimming pool*. Jghid li l-ftehim kien Lm300 ghal twaqqigh ta' post zghir u Lm700 ghal thaffir ta' *swimming pool*. Jghid li l-garr u r-rimi tal-materjal kien inkluz fil-prezz. Jghid li wara li ftehmu fuq dan ix-xoghol, il-Konvenut talbu jqattaghlu l-*pump rooms*. Jghid li kien hemm xoghol bl-*excavator* (li nhadem bis-siegha) fejn sar tindif u tnehhew xi bajtar. Jghid li fis-17 ta' Lulju 2007 inharget ricevuta fiskali fejn il-pagament huwa indikat bhala wiehed akkont. Jghid li qabel sar dan il-pagament inhareg il-kont ta' Lm2,446.73 imbaghad inhargu *statements* u wara giet prezentata ittra ufficcjali. Jghid li din intbaghtet fl-indirizz 45, Triq Bingemma, Nadur fil-waqt li d-dokumenti a fol 15 u 17 intbaghtu f'indirizz iehor. Mistoqsi in kontro-ezami li fl-ircevuta a fol 57 mhemmx indikat li l-pagament huwa akkont, jwiegeb li lanqas mhemm indikat li hu ghas-saldu.

Meta regghu xehedu fis-seduta tal-lum, il-partijiet stqarrew hekk:

Mario Gatt prodott mis-Socjeta Attrici stqarr:

> Nghid li jien Direttur tal-kumpanija attrici. Nghid li jien xehedt f'din il-kawza fid-29 ta' Ottubru 2015. Nghid illi x-xogholijiet li saru, saru fuq inkarigu tal-konvenut. Qieghed nara d-dokumenti a fol 15 sa 18 tal-process u nghid u nikkonferma li l-ammont tal-fattura ghadu dovut sa llum. Nghid li qabel ma nharget l-invoice kien sar pagament akkont ta' elf Lira Maltin (Lm 1,000).

In kontro-ezami, Gatt stqarr hekk:

> Qed nigi muri d-dokument a fol 57. Qed jigi ssuggerit lili li fuq din l-iskrittura mkien ma tnizzel il-pagament ta' elf Lira (LM 1,000) kien akkont; lanqas ma hemm imnizzel li a saldu. Qed issir referenza ghal dokument a fol 16 tal-process u qed jigi ssuggerit lili li dan id-dokument ma nharigx fil-prezenza tal-konvenut, nghid li bilfors sar hekk ghax tali dokument ikun inhareg mill-ufficcju u dan ghaliex l-ewwel inkunu rcivejna c-*cheque* mbaghad wara nkunu hrignielu r-ricevuta. Dan id-dokument jikkorrispondi ghac-*cheque* li rcivejna ta' elf Lira maltin (LM 1,000). Qed jigi ssuggerit lili li ahna dan id-dokument bghattnih fl-indirizz 'Plot 45, Triq Bingemma, Nadur' u li f'dak l-indirizz ma joqghodx il-konvenut imma joqghod xi hadd iehor bl-istess isem. Nghid li dakinhar kieku ma wasslitx kienet terga' tigi lura u nista' nghid li lura dan id-dokument ma wasalx. Mistoqsi jekk ghandnix il-*pink card* tal-posta peress li dan id-dokument kien intbghat bil-posta rregistrata nghid li ma nafx anzi nispecifika li din l-ittra ma ntbghathitx bil-*pink card* imma ntbghatet sempliciment bil-posta registrata.
>
> Mistoqsi jekk hemmx xi dokument li jelenka x-xoghol kollu li kien mifthiem originarjament, nghid li jekk m'inix sejjer zball hemm id-dettall tax-xoghol fil-fattura li tinsab a fol 15. Ma kienx hemm *bill of quantities*. Qed jigi ssuggerit lili li l-fattura li ghadni kemm ghamilt referenza ghaliha giet redatta wara li lestejt ix-xoghol u nghid li bl-amment ma niftakarx imma jista' jkun li gara hekk. Nghid li jekk ma kienx hemm ftehim bil-miktub, kien hemm ftehim verbali u nghid illi l-konvenut qatt ma kkontesta l-fattura. Mistoqsi jekk konnix tkellimna xihaga dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud, nghid li jien kont avvzajtu li l-VAT huwa apparti l-prezz.

Il-Konvenut stqarr hekk:

> Nghid li jiena ma kontx zidtlu xoghol lill-attur imma kont tlabtu li jaghmilli zewg pools u zewg rizervi u nghid li wahda mill-*pump rooms* saret fl-istess rizerva u wahda mir-rizervi ma kinitx tinvolvi tqattigh ta' blat imma nbniet fuq il-blat. Nispecifika li l-attur kull ma ghamel huwa li qatta' l-blat u ma kellux x'jaqsam mal-bini. Il-bini ghamlu l-bennej. Nghid li l-istima ta' elf Lira (LM 1,000) kienet tinkludi x-xoghol ta' tqattigh, tal-pool u tar-rizervi u kien hemm xi kamra li kellu jwaqqaghha u jiehu l-materjal taghha. Nghid li l-elf Lira (LM 1,000) kienu mifthemin bil-VAT. Meta bniedem jghidlek elf Lira (LM 1,000) jien nifhem bil-VAT. Stima bil-miktub lili qatt ma tghani. Mistoqsi kif kien sar il-pagament ta' elf Lira (Lm 1,000), nghid li l-elf Lira (Lm 1,000) kienu thallsu b'*cheque* tal-Avukat Chris Said skont il-ftehim originali li kelli ma' Mario Gatt. Ma niftakarx jekk ircivejtx l-*invoice* jew le. Mistoqsi jekk jien rcivejtx id-dokument a fol 16, nghid li jiena m'ghandix amment li rcivejtu. Mistoqsi mit-Tribunal

> ghalfejn il-pagament sar tramite l-Avukat Chris Said, nghid li ahna konna morna ghand l-Avukat Chris Said peress li l-attrici kienet bghatitli kont ghal madwar elfejn u erba' mitt Liri (LM 2,400) u konna morna ghand l-Avukat Chris Said u ghamilna l-pagament ta' elf Lira (Lm 1,000). Nghid li quddiem l-Avukat Chris Said konna ghidna li dan ix-xoghol kellu jsir ghal elf Lira Maltin (LM 1,000).
>
> Mistoqsi in kontro ezami jekk jiena kontx ircivejt id-dokument a fol 15, nghid li ma nafx. Mistoqsi jekk jiena rcivejtx id-dokument a fol 16, nghid li ma nafx ukoll. Qed issir referenza ghax-xhieda tieghi a fol 54 tal-process u senjatament fejn ghidt li wara zidtlu x-xoghol, nghid li jiena dejjem imxejt ma' Gatt billi tghajtu l-pjanta biex jahdem fuqha. Il-pjanta ma nbidlet qatt.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn, it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin fit-termini tal-Art. 2156(f) tal-Kap. 16. Tali dispozizzjoni tipprovdi kif gej:

> L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:…(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

Illi hu car li sabiex tapplika din il-preskrizzjoni, il-kreditu ma jistax ikun jaqa' taħt preskrizzjoni aqsar.

Issa minn ezami tal-fatti, jidher li x-xoghol in kwistjoni jirrigwarda l-uzu ta' ghodod ta' thammil u thaffir. Mhemmx dubju li s-Socjeta Attrici hija kumpannija u kwindi ghandha tinghad li hi kummercjant. Issa n-natura tax-xoghol mertu tal-kawza, hu simili ghal dak li dwaru jitratta l-Art. 2149(a) tal-Kap. 16 li jipprovdi kif gej:

> L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn: (a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu…

Hu minnu li fil-kaz odjern ix-xoghol ma kienx ta' bini imma fil-fehma tat-Tribunal, it-terminu "kuntratturi ta' bini ieħor" ghandu jinkludi wkoll xoghol ta' thammil u tqattigh ta' blat – xoghol li minnu nnifsu hu attinenti ghal xoghol ta' bini.

Tal-istess fehma kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-17 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet "Pacifico Bezzina *vs* Patrick-Ian Calleja *et*" fejn dahlet fil-fond dwar il-kwistjoni ta' liema preskrizzjoni ghandha tapplika f'sitwazzjoni fejn kellu jsir xoghol simili fl-iskop ghal dak fil-kaz odjern. Il-Qorti, wara li ghamlet rassenja dettaljata ta' gurisprudenza in materja irriteniet kif gej:

> Ghar-rigward tal-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi jemergi car illi l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bbazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu - ghal dik li hija preskrizzjoni – fil-kuntest tal-Art 2149(a) tal-Kap 16 u mhux taht l-Art 2148(a) tal-Kap 16. Ghax kif inghad ghalkemm hemm affinita' bejn dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi, huma pero' distinti minn xulxin. L-Art 2149(a) jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bil-preskrizzjoni tas-sentejn. Hafna jiddependi hafna mill-agir u l-intenzjoni tal-partijiet; ghax jekk l-intenzjoni kienet wahda *di dare* allura l-kuntratt jitqies bhala bejgh waqt li jekk l-intenzjoni kienet *di fare* allura japplikaw il-principji ta' l-appalt [Qorti tal-Kummerc – "George Camilleri vs Joseph Mamo noe" – 28 ta` Awissu 1951 – Kollez. Vol. XXV.III.639 u "George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe" – 26 ta` April 1988; Appell Inferjuri – "Frederick Micallef noe et vs May Sullivan" – 22 ta` Novembru 2002].

> Huwa bizzejjed li wiehed iqis in-natura tax-xogholijiet li saru mill-attur li mhux kienu jinvolvu l-bini, izda anke t-tindif u l-provvista tal-materjal u l-armar.

Ikkunsidra;

Illi fil-kaz odjern, fil-fehma tat-Tribunal japplika l-Art. 2149(a) tal-Kap. 16 u kwindi, gjaladarba din hi preskrizzjoni iqsar minn dik tal-hames snin prospettata fl-Art. 2156(f) tal-Kap. 16, tali preskrizzjoni hi eskluza *ipso jure* u ma tistax tapplika.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni se tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jmiss li jigi trattat il-kaz fil-mertu fid-dawl tal-bqija tal-eccezzjonijiet u cjoe: (i) li l-pagament ta' Lm1,000 kien ghas-saldu, (ii) li x-xogholijiet indikati fid-dokument a fol 17 ma twettqux fuq inkariku tal-Konvenuti u (iii) li din il-kawza saret frivolozament.

Fil-fehma tat-Tribunal il-kwistjoni fil-kaz odjern hija wahda ta' kredibilita tax-xhieda.

Minn banda r-rapprezentant tas-Socjeta Attrici qieghed jghid li tqabbad jaghmel ix-xoghol kif indikat fid-dokument a fol 15. Hawn qbil li kien hemm ftehim ta' xoghol li jikkonsisti f'tahmil u garr u tqattiegh ta' blat u garr ghal zewg *pools* versu l-prezz ta' Lm1,000. Imbaghad jghid li kien hemm zieda fix-xoghol ghat-tqattiegh tal-*pools* u *pump rooms* kif effettivament saru. Ghal din id-differenza, is-Socjeta Attrici qed titlob is-somma ta' elf u tlieta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,073.50) oltre l-VAT kif spjegat fid-dokument a fol 16.

Mill-banda 'l ohra, il-Konvenut jghid li lanqas ix-xoghol kollu li kellu jsir ma kien jimpora tqattiegh ta' blat, altru milli sar xoghol addizzjonali. Jghid li l-ftehim kien bil-VAT inkluz u mhux oltre l-VAT. Jghid li l-fatturi ma waslux. Imma imbaghad jghid li rrrikorra ghand l-Avukat Chris Said (li quddiemu sar il-pagament ta' Lm1,000 lis-Socjeta Attrici) wara li s-Socjeta Attrici baghtet kont ta' madwar Lm2,400.

Issa mix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni jrid jigi kunsidrat dan li gej:

(i) Illi l-hlas sar fil-prezenza tal-Avukat Chris Said. Sar quddiem l-avukat ghaliex kien hemm disputa naxxenti minn kont. Imma jidher car daqs il-kristall li l-ircevuta li fuqha hemm anke l-firma tal-Avukat Said mhijiex ghas-saldu, kif indika Mario Gatt meta xehed. It-Tribunal iqis li kieku din l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jaghlqu l-kotba, l-ircevuta kienet tkun kwalifikata – aktar u aktar meta l-Konvenut kien irrikorra ghand l-avukat peress li l-kont kien dejjqu;

(ii) Illi ssir ampja riferenza ghal pjanta da parti tal-Konvenut. Jghid li l-istima inghatat a bazi tal-pjanta. Madankollu, din il-pjanta fl-ebda mument ma giet prezentata.

Fil-fehma tat-Tribunal, il-verzjoni tas-Socjeta Attrici hija ktar kredibbli u t-Tribunal iqis li ghandu jilqa' t-talbiet attrici prevja li jichad l-eccezzjonijiet li jifdal tal-Konvenuti.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss ma’ spejjez, it-Tribunal iqis li l-Qorti tal-Appell diga pprovdiet ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez taz-zewg istanzi sal-mument tal-prolazzjoni tas-sentenza taghha. Certament li meta tinhareg taxxa ufficcjali ma’ tmiem din il-kawza, mhux se jkun facli sabiex il-partijiet jaghzlu liema partiti japplikaw qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u liema jigu wara. It-Tribunal iqis ukoll li s-Socjeta Attrici holqot bosta incidenti li kkumplikaw din il-kawza u ziedu l-ispejjez. Dawn jinkludu l-kwistjoni tal-kawzali u tal-korrezzjoni. It-Tribunal iqis li dan ghandu jkun rifless fil-kap tal-ispejjez.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li fic-cirkostanzi jkun gust u ekwu li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mal-kap tal-imghax, it-Tribunal iqis li ghandu japplika l-istess ragunament anke ghaliex is-Socjeta Attrici (li qed titlob imghaxijiet mill-25 ta’ Gunju 2005) tawwlet mhux ftit sabiex ressqet l-odjerna kawza u meta pprocediet hawwdet bil-bosta. Ghalhekk, it-Tribunal iqis li fic-cirkostanzi jkun gust u ekwu li l-imghaxijet jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenuti li ghandhom mhux decizi, jilqa’ t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuti jhallsu lis-Socjeta Attrici s-somma ta’ tlitt elef, tliet mija u disgha u sittin euro u tmienja u disghin centezmu (€3,369.98) bl-imghaxijiet mil-lum. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz. Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*